**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Dicembru 2018**

**Talba Nru: 345/18 CZ**

**Alberta Fire & Security Limited**

**vs**

**AE3 (Malta) Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-26 ta' Lulju 2018 u li permezz taghha talbet minghand is-socjeta' konvenuta l-hlas ta' erbat'elef u erbgha u ghoxrin Euro u wiehed u disghin centezmu (€4,024.91) rapprezentanti ammonti mhallsa mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta bil-quddiem sabiex is-socjeta' konvenuta tesegwixxi xoghlijiet ghas-socjeta' attrici li fil-fatt qatt ma gew esegwiti.

Bl-ispejjez, inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficcjali numru 882/17 datata 15 ta' Dicebru 2017, kopja annessa bhala Dok. A, u bl-imghaxijiet legali mid-data li sar il-hlas da parti tas-socjeta' attrici sad-data tal-eventwali pagament.

Illi f'din il-kawza s-socjeta' konvenuta hija fi stat ta' kontumacja.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda;

Sema' t-trattazzjoni ta' l-abbli avukati difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

It-Tribunal qies ix-xiehda ta' Godfrey Azzopardi[1].

Ikkunsidra:

Illi l-kawza titratta dwar somma li s-socjeta' attrici ghaddiet lis-socjeta' konvenuta (hamest'elef Euro (€5,000) sabiex is-socjeta' konvenuta taghmel xi xoghljiet fl-

[1] Fol. 12

interess tas-socjeta' attrici. Is-socjeta' konvenuta lahqet ghamlet b'kemm jiswew disa' mija u sitta w sebghin Euro (€976) f'xoghol, izda m'ghamlitx iktar. Ix-xoghol maghmul gie konfermat mill-Projects Manager tas-socjeta' attrici, Frans Mallia.

Ikkunsidra ulterjorment;

Illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta hija fi stat ta' kontumacja, dan ma jnehhi xejn mill-piz fuq is-socjeta' attrici li ggib prova ta' dak li qed titlob. Ix-xhud Godfrey Azzopardi fil-fatt jaghmel referenza ghal diversi fatti li ma jgibx prova sufficjenti taghhom, hlief li jixhed dwarhom hu, u dan peress li huwa 'Finance Executive' fis-socjeta' attrici.

Illi ghalkemm ix-xhud tas-socjeta' attrici jsemmi lil certu Frans Mallia bhala Projects Manager, u bhala l-bniedem li kien jikkontrolla x-xoghol tas-socjeta' konvenuta, dan qatt ma gie prodott biex jixhed, u dan sabiex it-Tribunal ikun f'pozizzjoni li jistabbilixxi kemm kien hemm mix-xoghol li sar. Kien ikun aktar utli wkoll illi giet prezentata prova tal-pagament inizjali li ghaddiet is-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta. Dawn kienu provi li, ghalkemm xehed dwarhom ix-xhud tas-socjeta' attrici, kellhom jigu rassodati minn provi dokumentarji li wara kollox saret referenza ghalihom mix-xhud izda ma pprezentahomx.

Illi ghalhekk jirrizulta lit-Tribunal illi kien hemm provi ohra li setghu gew prodotti, u s-socjeta' attrici ghazlet li ma tipproducihomx. Fic-cirkostanzi t-Tribunal ma jistax jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici, u ghalkemm is-socjeta' konvenuta ma pproponiet l-ebda difiza ghall-kawza, it-Tribunal m'ghandux quddiemu l-provi li setghu ingabu mis-socjeta' attrici u baqghu ma ngabux.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad it-talbiet tas-socjeta' attrici. L-ispejjez jithallsu kollha mis-socjeta' attrici.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur